**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 23 ta' Gunju 2021**

**Rikors Revoka Nru. 537/2021 GM**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju**

**numru 788/2021MH fl-ismijiet**

**Paul Falzon et**

**vs**

**Lawrence Borg**

**Il-Qorti,**

Reġgħet rat ir-Rikors;

Rat ir-risposta;

Jidher li d-dritt illi dan ir-rikors irid jikkawtela ġia jinstab azzjonat b'kawża f'Għawdex u mhux quddiem din il-Qorti;

Jidher ukoll, anke billi l-intimati jqanqlu l-privilegium fori li l-mandat ma jaqax taħt il-kompetenza ta’ din il-Qorti;

Illi l-Art 741(b) tal-Kap. 12 iċċitat mir-rikorrenti japplika biss għall- “kawżi” u ma jistax jiġi estiż per anoloġija għal digrieti kawtelatorji trattandosi ta’ regoli ta’ proċedura ċivili;

Għalhekk, il-Qorti qiegħda tilqa’ t-talba u tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tal-25 ta’ Mejju 2021, li permezz tiegħu laqgħet it-talba proviżorjament u tħassar il-mandat in kwistjoni.

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF